Kunsill Lokali Marsaskala
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**Minuti tal-laqgħa Nru : 36 li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar it-Tnejn 17 t'Awwissu 2015 fil-5.30p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sinjorina Desiree' Attard<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur John B Camilleri |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjorina Chantel Zammit |
| Amabaxxatriċi taż-żgħażagħ | Is-Sinjorina Nicole Busuttil |

***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 35.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Mistoqsijiet.
6. Mozzjonijiet.
7. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
8. Aġġornament.

Mayor
Mario Calleja

Vice Mayor
Desiree` Attard

Councillors
John Baptist Camilleri
Charlot Mifsud
Charlot Cassar
Elisabeth Cassar
Lawrence Ciantar
Daniel Spiteri
Sandro Gatt

Executive Secretary
Josef Grech

➢ *Intalbet sospenzjoni tar-regolamenti*

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Diskussjoni dwar IPPC permit IP 005/13/A rigward l-impjant ta' Sant'Antnin:**

Is-Sindku ppreżenta lis-Sur Montebello CEO tal-Wasteserv u lis-Sur Andrea Brincat li huwa l-Engineer. Dawn ġew waqt il-laqgħa tal-Kunsill sabiex jiċċaraw dak li ntqal fuq il-media rigward l-IPPC permit.

Is-Sur Montebello beda billi qal illi l-Ħamis 13 t'Awwissu kien hemm il-*hearing* tal-permess ġewwa l-MEPA. Dan huwa l-istess permess li ġie diskuss preċedentament fil-laqgħa tal-Kunsill rigward *it-thermal oxidizer fejn dan hu makkinarju illi ilu eżistenti ġewwa l-Wasteserv* mit-2010 pero qatt ma ġie mqabbad. Dan il-makkinarju jittratta l-arja fejn jaħdmu il-ħaddiema ġewwa l-Wasteserv. Dan il-makkinarju itella temperatura għolja ħafna sabiex l-arja li tidħol ġewwa l-makkinarju toħroġ nadifa. L-ideja hi li jkun hemm tnaqqis ta' nuisances. Fil-Mepa kien hemm diskussjoni rigward id-diossini fejn dawn jiġu krejati meta jkun hemm xi ħruq ta' materjal. Dan il-makkinarju jgħin sabiex jeqred id-diossini pero mhux għal kollox għaliex hemm bżonn li it-temperatura tkun ħafna għola sabiex dawn jinqerdu. Is-Sur Montebello kompla jgħid illi kien hemm gazzetta partikolari fejn ħarġet artiklu skorrett għall aħħar fejn qalet li hemm id-diossini li ħerġin mill-impjant ta' Sant Antnin u li mhumiex jieħdu ħsieb din il-problema. Is-Sur Montebello qal illi dan mhux possibli għaliex ġewwa l-impjant ma hemm l-ebda ħruq allura id-diossina ma tistax tiġi krejata.

Is-Sur Daniel Spiteri staqsa jekk f'każ li jkun hemm xi ħsara ġewwa l-impjant u l-iskart idum biex jinħadem jekk jistax ikun hemm kimiki velenużi.

Is-Sur Montebello qal illi m'għadux possibli li jiġri dan għaliex l-iskart m'għadux jibqa ġewwa l-impjant fil-weekend iżda jittieħed ġewwa l-Magħtab.

Is-Sur Montebello qal illi l-impjant jinstab miexi tajjeb u ser ikun hemm impatt pożittiv la darba tidħol il-borża organika ġewwa l-istabbilimenti kif ukoll għand ir-residenti.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fis-17.47pm***

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fis-17.47pm***

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri daħal għal laqgħa fis-17.47pm***

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 35(1) tal-14 ta' Lulju 2015:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi paġna 6 ħames paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi r-restorant fix-xitwa jibqa jintuża. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar żied jgħid li fl-opinjoni tiegħu l-bini jintuża iktar bħala ristorant milli klabb. Huwa kompla jgħid illi dawn huma fondi pubbliċi u wieħed irid joqgħod attent peress li ser jsir ġo propjeta` privata."*

*Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ssekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 2 astensjonijiet minħabba li ma kinux preżenti fil-laqgħa preċedenti.*

*Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.*

2.0 Punti li joħorġu mill-Minuti:

2.1 Laqgħa Nru 35(1) tal-14 ta' Lulju 2015:

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 2 punt #1.1 rigward l-emenda li għamel il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u x'kien il-kuntest fejn issemmew applikazzjonijiet ta' żviluppi fi żmien il-Partit Nazzjonalista u jekk hijiex xi tip ta' ġustifikazzjoni għall-bini tal-Universita' fiż-Żonqor.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li s-suġett ma kellu x'jaqsam xejn ma l-Universita', kompla jgħid illi dak li semma min naħa tiegħu kien tqajjem f'mistoqsija Parlamentari li eventwalment reġgħat ġiet imqajjma fejn tikkonferma illi filfatt kien hemm applikazzjoni li kienet saret sabiex isir żvilupp minflok il-pixxina, liema applikazzjoni għada pendenti l-mepa.

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ġibed l-attenzjoni fuq paġna 5 artiklu 3.2 rigward id-diskussjoni li kien hemm mall-Perit Philip Micallef fil-laqgħa preċedenti. Hu qal illi diġa kien hemm diskussjonijiet fuq Triq Dun Frans Grech fejn il-Kunsill kien qabel li jsir tunnel.

Is-Sindku qal illi kienu ntbgħatu ħafna emails fejn ma waslu imkien.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li nerġgħu nibgħatu dawn l-emails.

Is-Sindku qal illi l-Perit Philip Micallef ġie ġewwa l-Kunsill b'ħafna pjanti bombastiċi għal-lokal tagħna pero ma kellux l-informazzjoni meħtieġa. B'hekk il-Kunsill ressaq quddiemu l-problemi li hemm fi Triq il-Marina fost toroq oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal ukoll li kien diskussjoni rigward fondi allokati għall-Magħluq, hu qal illi fuq il-website tal-MEPA fis-sezzjoni tan-Natura 2000 jinstabu lista ta' postijiet fejn hemm management plan għalihom u waħda minnhom hija dik tal-Magħluq fejn hemm dokument sħiħ b'informazzjoni ta' x'hemm maħsub li jsir kif ukoll xi studji fuq il-Magħluq. Il-Kunsillier Ciantar qal illi hemm xi żmien stipolat sakemm il-MEPA tkun tista tilqa kummenti fuq dawn is-siti.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi ser ikun qed ifittex dan id-dokument u jgħaddih lilhom ukoll sabiex ikunu jistgħu jissottomettu xi kummenti.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa rigward paġna 9 artiklu #8.1 jekk iċ-cycle path hux ser terġa tinfetaħ għaċ-ċiklisti kif kienet qabel jew inkella ser tibqa tintuża bħala parkeġġ.

Is-Sindku qal illi din kienet prova fejn irċieva feedback tajjeb ħafna fuqha u għalkemm kellha tkun biss għal tlett xhur iġifieri sa nofs Settemrbu , hu jħoss li għandha tibqa kif inhi għaliex b'hekk gwadanjajna mal-100 parkeġġ ieħor. Hu kompla jgħid illi bagħtna lit-TMalta sabiex nipproponu li jsir park and ride ġewwa Marsaskala għaliex hawn ħafna nies illi jinżlu fil-Lokal tagħna sabiex imorru ġewwa xi ristorant pero minħabba li ma jsibux parkeġġ jibqu sejrin lejn lokalita' oħra.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi nkattru aktar il-kunċett li nintroduċu aktar ir-roti u mhux immewtu din l-inizjattiva.

Is-Sindku qal illi c-cycle track ma kinitx qeda tajba għaliex kienet qasira u tagħti xorta waħda *għal ġot-triq*.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal cycle tracks oħra anke barra min xtutna qegħdin magħmulin bl-istess mod iġifieri jagħtu għal ġot-triq.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi c-cycle track ilha li ġiet introdotta ġewwa Marsaskala snin ilu u fil-bidu setgħat tintuża mic-ciklisti mit-Tnejn sal-Ħadd minn filgħodu sa filgħaxija u hemmhekk kien hemm tgergir mir-residenti u b'hekk ġie mnaqqas il-ħin sabiex filgħaxija setgħaw jipparkjaw il-vetturi.

Is-Sindku qal illi tajjeb li ssir waħda ġdida kif suppost la darba tinbena il-Jerma u jsir promenade ġdid.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri irrimarka paġna 10 artiklu #8.3 fejn qal illi dan il-proġett diġa ġie approvat snin ilu u għalhekk min naħa tal-Kunsill għandna ninbuttaw u nibgħatu reminder lit-TM mhux biex jiġi approvat ix-xogħol iżda biex nkunu nafu meta se jsir ix-xogħol.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi rigward paġna 5 artiklu #3.2 il-park and ride għandha *tkun aċċessibli għal kulħadd għaliex ir-rotot tal-karozza tal-linja għadhom mhux qedgħid* jgħaddu miż-żoni kollha f'Marsaskala.

Is-Sindku qal illi għandhom ikunu mad-dawra kollha tal-Lokal.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk il-ħsieb tal-park and ride huwiex għal ħinijiet ta' filgħodu.

Is-Sindku qal illi għandha tkun għall-business hours.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Kunsill m'għandux għalfejn jidħol fi spiża jekk mhux biex jaġevola lir-residenti.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill mhuwiex ser jidħol fl-ebda spiża.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qabel ma jkomplu d-diskussjonijiet għadna nistennew l-ewwel l-approvazzjoni mit-Transport Malta.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi s-Sur Conrad Pule huwa taħt il-Public Transport u mhux Transport Malta, għalhekk tajjeb nidentifikaw post inkella dan il-proġett mhux ser isir.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa fuq paġna 8 artiklu #3.10 x'qed jiġi pproponut.

Is-Sindku qal illi ser inkunu qed nistiednu 5 vilaġġi mid-Douzelage u l-Kunsill ta' Marsaskala se jkun l-lead partner fejn is-Sur Ryan Portelli qed imexxi dan il-proġett filwaqt li stieden lill-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri sabiex jagħti l-għajnuna tiegħu jekk hu nteressat anke peress li din tinvolvi ż-żagħżagħ.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar irrimarka fuq paġna 3 artiklu #2.4 rigward it-trakkijiet tal-iskart li qegħdin jintużaw ġewwa l-Lokal. Hu qal illi wieħed minn dawn il-kuntratturi għadhom ma ireggolawx ruħhom u qegħdin jgħaddu lill-Kunsill minn għajn il-labra għaliex sa issa għadhom qed jintużaw trakkijiet oħra li mhumiex euro 4. Kompla jgħid illi Nhar l-Erbgħa li għadda kien qed jintuża biss trakk wieħed min dak imsemmi fil-kuntratt kif ukoll l-iskart ma bediex jinġabar qabel l-10:00am u iż-Żonqor kien għadu ma ngabarx sas-1:00pm.

Is-Sindku qal illi kemm hu kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv ser jerġgħu jkellmu lill-kuntrattur rigward dawn in-nuqqasijiet, u jekk hemm bżonn tingħata default notice. Kompla jgħid illi għalkemm hemm in-nuqqasijiet min-naħa tal-kuntrattur dejjem qdewna u tawna servizz tajjeb ħafna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi kieku ma jgħaddix it-trakk tal-Wasteserv, l-lokal huwa mimli bl-iskart.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan il-kuntrattur talbu sabiex jekk il-Kunsill jaqbel is-Sibt u l-Ħadd jibdew jiġbru l-iskart bit-trakkijiet li mhumiex euro 4 minħabba li mhumiex kbar biżżejjed.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk fit-tender kienx hemm imniżżel l-ammont ta' *skart li jista jinġabar bejn wieħed u ieħor.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien imniżżel stima pero' l-ammont ta' skart li qed jinġabar mil-Lokalita' huwa konsiderevoli.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fl-opinjoni tiegħu l-kuntrattur tagħna jiġbor inqas għaliex it-trakk tal-Wasteserv jiġbor anke skart li suppost jinġabar mill-kuntrattur tagħna.

Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsilliera jixtiequx illi nistiednu lill-Kuntrattur fil-laqgħa tal-Kunsill jew inkella jkellmuhomx hu u s-Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal ukoll illi hu ma jaqbillx illi l-Kuntrattur tagħna jbattal anke l-iskart tal-Bring in sites.

Is-Sindku qal illi dik kienet ideja tiegħu minħabba li l-BIS kienu qed idumu mfawra wisq bl-iskart sakemm il-Green Mt jibgħatu n-nies tagħhom.

Il-Kunsill qabel unanimament illi s-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll is-Sindku jkellmu lill-Kuntrattur, kif ukoll issir laqgħa mal-Green MT.

2.1.8 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi rigward paġna 7 artiklu #3.7 hu fittex dan ir-rapport pero ma sabux.

2.1.9 Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa rigward paġna 8 artiklu #3.13 jekk sarx xi ħaġa rigward il-gazebos li qedgħin jintramaw minn terzi persuni fuq il-bajjiet.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-pulizija ġew infurmati għalkemm dawn mhumiex permissibli li jibqgħu hemm wara nżul ix-xemx.

2.1.10 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 7 artiklu #3.8 rigward il-pedestrian crossing li kin hemm propost fi Triq il-Qaliet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi min naħa tat-Tmalta indikawlna l-post il-ġdid fejn ser issir din iz-zebra crossing li huwa quddiem il-JS hardware store u l-bus stop titla aktar il-fuq, pero għadna qed nistennew sabiex naġġudikaw it-tender sabiex ikunu jistgħu jibdew ix-xogħolijiet, minħabba li l-Kunsill bħalissa jinsab mingħajr kuntrattur.

## ***<u>3.0 Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq jressaq quddiem il-Kunsill:</u>***

3.1 **Stair lift fil-Marsaskala Sports Club:**

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi tal-KNPD kienu informaw lill-Perit tal-Kunsill li huma ma jaqblux mal-ideja tal-istairlift iżda jaqblu li jsir platform. Dan għaliex l-istair lift ma jkunx jista jintuża mingħajr għajnuna u l-KNPD huma tal-ideja li persuni bi bżonnijiet speċjali għandhom ikunu indipendenti. B'hekk il-KNPD jaqblu ma platform. Il-Problema li l-platform irid ħafna spazju u l-Perit se tiċċekkja jekk jistax joqgħod platform.

3.2 **Nominazzjonijiet għal Premju Ġieħ Marsaskala (35/3117/15/I):**

Is-Sindku beda billi qal illi hekk kif qbilna fil-laqgħa preċedenti rigward in-nominazzjonijiet għal Premju Ġieħ Marsaskala, il-Kunsill bgħat emails, għamel reklami fuq il-gazzetti u infurmajna lill-Kappillan iżda ħadd ma tefa xi nomina, għalhekk waqt laqgħa li kellu hu mal-Kumitat tal-Kultura ġiet diskussa din is-sitwazzjoni u kien hemm ftehim illi jintażlu żagħżagħ li jgħixu fil-Lokal ta' Marsaskala illi ġabu unuri fosthom hemm żgħażugħ illi ġab medalja tad-deheb fis-sezzjoni tal-logħob tat-table tennis fl-ispecial olympics u l-dawn iż-żgħażagħ jingħatalhom rikonoxximent tax-xogħol li qiegħdin jgħamlu. Kompla jgħid illi ħasbu sabiex Ġieħ Marsaskala jiġi mgħoddi lis-Sinjura Abigail tad-Dive Med għaliex għal dawn l-aħħar snin dejjem kienet hi li mingħajr ħlas organizzat clean up fil-qiegħ tal-baħar ġewwa Marsaskala allura jkun ħaqqa dan l-unur.

Wara diskussjoni l-Kunsilliera qablu illi Ġieħ Marsaskala jingħata lill Warren għal medalja tad-deheb li ġab fl-ispecial olympics imbagħad jingħata rikonoxximent lill Abigail, Nataya,Isaac u Oxana kif ukoll lill Dylan Muscat għaliex dan kien student li ħa ħsieb student ieħor li huwa autistic. Dawn ser jingħataw kollha f'Jum Marsaskala.

3.3 **PA 2829/15 Applikazzjoni dwar barriera tal-ġebel f'Marsaskala (35/3399/15I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm applikazzjoni l-MEPA ta sit fejn il-barriera ma fadlilix x'jinħadem u għalhekk irid jitwaqqa r-razzett li jinstab ġo fiha. Qal ukoll illi l-Perit Darmanin bgħatet l-informazzjoni meħtieġa biex turina aktar biċ-ċar x'ser ikun qed jiġri.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-importanti hu li mhux ser tkun qed tintmiss it-triq.

Il-Kunsill ikkonferma li t-triq mhux ser tintmiss u dan wara li ra l-informazzjoni kollha li kienet ġiet provduta mil-Perit tal-Kunsill.

3.4 **Talba biex jibdew jiġu organizzati korsijiet ta' Arts and Crafts li jibdew minn Ottubru 2015 (35/3463/15/I):**

Is-Sindku qal illi dan il-persuna ser ikun qed juża l-bini tal-Kunsill sabiex joffri lezzjonijiet tal-arti u krafts bil-prezz ta' €35 għal 8 lezzjonijiet ta' siegħa u nofs il-wieħed. Kompla jgħid illi tajjeb ngħidulu illi €10 min kull student jiġu mgħotija lill-Kunsill għall-użu tal-bini.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi fl-opinjoni tiegħu €10 fuq kull persuna huma ħafna meta tikkunsidra kemm hu prezz baxx dak li ppropona dan il-persuna u jħoss li hija inizjattiva pożittiva ħafna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-prezz li qed jitlob dan il-persuna huwa raġonevoli ħafna.

Sar qbil unanimu illi l-korsijiet tal-Arts and Crafts jibdew isiru u l-Kunsill jitlob biss €5 ta' kull student biex tagħmel tajjeb għal-użu tal-premises.

3.5 **Memo 18/2015 l-att dwar responsabbilta' fiskali (35/3247/15/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waslitilna din il-Memo ġewwa l-Kunsill sabiex jenfażizzaw l-importanza illi l-Kunsill dejjem jaderixxi mall-budget finanzjarju.

3.6 **Risposti għas-survey li sar dwar il-magazin tal-Kunsill:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċivejna xi risposta għas-survey li deher fil-fuljett tal-Kunsill u jidher biċ-ċar illi l-fuljett għandu jibqa joħroġ hard copy.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard qalet ukoll li hemm xi risposti għas-survey anke fuq facebook u tħoss illi l-hard copy għandha tibqa issir filwaqt li jiġi introdott anke bħala soft copy fuq il-website tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri irrimarka illi l-fuljett tal-Kunsill li sar l-aħħar ma tqassamx f'kull triq ġewwa ż-Żonqor.

Is-Sindku qal illi kieku tkun ideja tajjba illi tinħareġ expression of interest u l-persuna ikollha fideja l-ġbir ta reklami u sponsors tal-fuljett b'hekk il-fuljett jiġi printjat mingħajr flus.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fl-opinjoni tiegħu kollox għandu jibqa kif inhu.

Il-Kunsill qabel illi l-magażin jibda jinħareġ bejn darbtejn sa tlett darbiet fis-sena flimkien mas-soft copy li titella fuq il-website tal-Kunsill.

3.7 **Diskussjoni dwar IPPC permit IP 005/13/A rigward l-impjant ta' Sant'Antnin:**

Dan il-punt diġa ġie diskuss fil-bidu tal-laqgħa.

3.8 **Stima mill-MTI biex issir parti minn Triq il-Bidni fejn il-Kunsill ikun irid jipprovdi il-konkos:**

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi kellu laqgħa mal-MTI fejn min naħa tagħhom l-MTI qalu illi huma jkunu jistgħu joffru biss il-ħaddiema b'hekk il-materjal u l-iscarifyer jitħallas mill-Kunsill. Dan ovvjament fil-każ ta' parking bil-hot asphalt jew xogħol ta' cement fit-toroq. Pero' hemm problema minħabba illi meta tkun ser issir triq sħiħa dan irid isir permess mat-TM u dan il permess irid ssir fuq kuntrattur u allura b'dan il-mod il-proċess ser isir aktar kumplikat u filkaż li l-kuntrattur tal-Kunsill jipprovdilna l-materjal u l-MTI jwittuh imbagħad jinħoloq difett fit-triq ikun diffiċli tindika ta' min kienet l-problema, jekk hux mill-materjal jew inkella mix xogħol li jkun sar.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-istima li ngħatat mil-MTI wara li kien mar magħhom biex tiġi irranġata l-kumplament ta' Triq il-Bidni. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li biex tinqala t-triq kollha u ssir bil-konkos se jkun hemm bżonn 'l fuq min €40,000 materjal filwaqt li jekk isiru interventi, il-Kunsill joħroġ madwar €10,000 f'materjal.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar irrimarka illi Triq il-Blajjiet hemm bżonn li tittranġa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qallu illi dik it-triq taqa taħt it-Transport Malta.

Sar qbil unanimu illi nistennew sakemm jiġi aġġudikat it-tender tat-tarmac imbagħad tittieħed deċiżjoni. Apparti minn hekk sar qbil illi ma jsirux interventi ta' patching iżda issir biċċa sħiħa mit-triq.

3.9 **Talba għal-Kunpens mis-Sur Lungaro fi Triq tal-Gardiel (35/3541/15/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech informa lill-Kunsill illi rċivejna din l-email mingħand is-Sur Lungaro fejn qed jitlob kumpens tal-ħsarat li ġarrab fi Triq tal-Gardiel meta dan daħallu l-ilma ġewwa l-karozza u sofra danni u qiegħed jitlob kumpens mingħand il-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma jagħti l-ebda kunpens għal dawn id-danni għaliex din kienet act of god u l-Kunsill m'għandu l-ebda tort.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet rigward pagament nru #2781.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dak hu pagament tat-tiswija li saret fuq l-PABX tal-Kunsill.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagamenti nru #2794.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dawk huma l-beverages għall-uffiċini tal-Kunsill illi kemm il-darba intużaw anke sabiex jittieħdu parti minnhom f'xi attivita' bħal tal-Kunsill Lokali żagħżagħ.

4.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar irrimarka fuq punt #2779 fejn qal illi mhuwiex indikat illi dak hu pagament ta kirja u mhux tal-flixken tal-ilma. Saret l-emenda neċessarja.

4.4 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi xtaq jirrimarka illi hawn pagamenti li huma mniżżla taħt l-isem ta' John Camilleri u xtaq jagħmilha ċara illi dawn ma jirreferux għalih.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ħareġ mil laqgħa fit-20:00pm***

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill illi kellna xi pagamenti illi daħlu tard u ser jitressqu f'din is-seduta u jkunu mniżżla fis-seduta li jmiss bħala ħlasijiet b'urġenza:

1) Nexos Street lighting – Supply and installation of LED floodlights and cables on stage 16th July *li jammonta għal €236.00.*
2) Nexos Street lighting – Supply of water pump for ġnien Sanr Anna and other related material li jammonta għal €325.00.
3) Nexos Street lighting-Refurbishment of lamposts at Triq ix-Xatt li jammonta għal €920.40
4) Klikk- Labour charges li jammonta għal €41.30.
5) Oasis Ironmongery- Consumables li jammonta għal €42.43.
6) Smart office supplies ltd- toners li jammonta għal €360.52.
7) Mr Alfred Debono- Reimbursement of expenses in the month of June and July for Arti fil-*beraħ and Jum Marsaskala li jammonta għal €40.00.*
8) Mr Ronald Bezzina- Street sweeping and grass cutting in Urban Roads li jammonta għal €3562.50
9) Marindex Ltd – Kukkardi li jammonta għal €87.50.
10) Mr Matthew Attard- Public Convenience for the month of July and extra works li jammonta għal €2058.80.

**Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ssekonda.**

**Il-Kunsill approva unanimament**

7.0 ***Mistoqsija:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija

8.0 ***Mozzjonijiet:***

8.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur Daniel Spiteri (#103 – 28/7/15):**

*"Jipproponi sabiex issir talba lis-Segretarju Parlamentari l-Onor Chris Aguis sabiex issir jogging track minn Triq ix-Xatt in-naħa tas-simenta sa Triq is-Salini ħdejn l-eks Jerma."*

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi din il-jogging track tkun magħmula mil-lakstu apposta għal jogging u l-Kunsill ma jkollux għalfejn joħroġ flus għal din l-inizjattiva pero` trid issir talba lill-KMS u la darba tiġi milqugħa din tiġi iffinanzjata min naħa tagħhom.

Is-Sindku qal illi tajjeb l-ewwel nitkellmu mal-MTA rigward ix-xogħolijiet li hemm fil-pipeline abbinati mal-Ex Jerma Hotel għaliex jekk vera ser tinbidel il-promenade, din il-jogging track tkun saret għalxejn.

Il-Kunsill qabel unanimament illi issir laqgħa mas-Segretarju Parlamentari is-Sur Chris Aguis.

8.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (#104 – 7/8/15):**

*"Jipproponi sabiex nagħmlu bankina ġdida fi Triq La Sengle k/m Triq il-Busbies għax qiegħda ta periklu."*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri wera ritratti lill-Kunsill tal-bankina li tinsab fi Triq La Sengle k/m Triq il-Busbies u spjega kif din il-bankina tinsab ta' periklu għal min qed jimxi fuqha għaliex għandha partijiet fejn niżżlu u oħra li telaw u qed iweġġgħu ħafna nies li jaqgħu huma u mixjin.

Il-Kunsill qabel unanimament illi titranġa din il-bankina.

8.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (#105 – 12/8/15):**

*"Jipproponi sabiex issir bozza ġdida fl-aħħar sqaq tal-Bajja San Tumas."*

Il-Kunsill approva unanimament

9.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar spjegat x'ser isir f'Jum Marsaskala li ser tkun fil- 5 u 6 ta' Settembru.

L-Ambaxxatriċi taż-żgħażagħ informat lill-Kunsill illi l-għada tal-laqgħa iġifieri it-Tlieta 17 t'Awwissu ser issir attivita mill-Kunsill Lokali żgħażagħ ġewwa l-Family park mis-6:00pm l'quddiem u stiednet lill-Kunsilliera sabiex jattendu.

10.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.30p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir Nhar L-Erbgħa 23 ta' Settembru 2015 fil-5.30pm.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku